BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

12 ta' Jannar, 2010

**Minuti tal-laqgha numru 36(05)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghall-laqgha numru 36(05) fl-ufficini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar il-Hamis 3 ta' Dicembru, 2009 fis-6.30 ta' filghaxija.

**Preżenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sur Christopher Cassar – Vici Sindku, s-Sinjura Miriam Grech u s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera.

Il-Kunsillier Ivan Peresso kien skuzat minhabba ragunijiet ta' xoghol.

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u ta bidu għal din il-laqgħa.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-minuti tal-laqgha 35(05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.1 (35/05), CCTV Camera
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti li s-CCTV camera f'Misrah ir-Rebha regghet qed topera.

1.2 Item 1.4 (35/05), bins ghall-Iskola Primarja Santu Rokku
Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal li l-bins ghall-iskola Primarja Santu Rokku ghadhom ma nxtrawx minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

1.3 Item 1.5 (35/05), il-ktieb 'Survivors' ta' Joe P Smith
Is-Sur John Boxall, Sindku qal li saret laqgha mas-Sinjorina Maria Schembri fi hdan il-MEUSAC, fejn giet diskussa l-possibilita' li jinstab progett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea sabiex jinhareg it-tieni volum tal-ktieb 'Survivors'.

1.4 Item 1.6 (35/05), Skema 'Fondi Specjali ghall-Lokalitajiet bi Bzonnijiet Specjali'
Is-Sindku qal li l-ittra lis-Sinjorina Giorgiana Mallia, rapprezentanta tal-bord ta' l-evalwazzjoni ta' l-iskema 'Fondi Specjali ghall-Lokalitajiet bi Bzonnijiet Specjali', dwar id-dizapprovazzjoni tal-Kunsill dwar id-decizjoni mehuda mill-bord, ghadha ma nkitbitx ghalissa.

1.5 Dwar Item 2.2 (35/05), is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-kwistjoni mas-Sinjorina Fiorella Scicluna, ex-impjegata tal-Kunsill giet solvuta.

1.6 Dwar Item 2.5 (35/05) is-Sindku, s-Sur John Boxall qal li d-direttur tal-kumpanija Leon Promotions, is-Sur Noel Castillo, accetta l-ammont prorata ta' Eur800 bhala pagament inkonnessjoni ma' l-organizzazzjoni tal-Birgufest 2009. Is-Sindku zied jghid li dan il-pagament sar u l-Kunsill ircieva l-ircevuta fiskali.

1.7 Item 2.6 (35/05), Laqgha ma' l-Ghaqda Filarmonika Prince of Wales Own
Is-Sindku qal li l-laqgha ma' l-Ghaqda Filarmonika Prince of Wales Own kienet saret u fiha gew iccarati xi punti sabiex ghal futur ir-relazzjoni bejn iz-zewg nahat ma tittapanx..

1.8 Item 2.10 (35/05), il-kaz tal-kumpanija J&C Zam.Construction, Excavation & Trenching Works kontra l-Kunsill Lokali tal-Birgu
Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-kontro protest ghall-mandat ta' sekwestru li l-kumpanija J&C Zam. Construction, Excavation & Trenching Works ghamlet kontra l-Kunsill gie accettat u l-flus gew rilaxxati.

1.9 Item 4, l-Attivita' 'Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti'
Is-Sindku pprezenta rendikont tal-attivita' tal-Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti'. Is-Sindku qal li l-ispejjez totali ghal din l-attivita kienu ta' Eur5,651.31, izda din l-attivita' kienet iffinanzjata mill-iskema ta' l-attivitajiet kulturali mahruga mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali, fejn il-Kunsill ibbenifika, bl-ammont ta' Eur5,500 l-istess Kunsill ircieva donazzjonijiet minn entitajiet privati b'total ta' Eur250. Ghaldaqstant, ghal dan il-festival il-Kunsill ma nefaq xejn mill-fondi tieghu. Dwar dan ir-rendikont intwera sodisfazzjon mill-Kunsilliera.

1.10 Item 7(35/05), Harga ghall-anzjani
Il-Kunsilliera Judith Saliba qalet li din l-attivita' li ma kinitx biss ghal anzjani, izda, attivita kulturali ghar-residenti tal-Birgu, kienet ta' success fejn ghaliha attendew 108 persuni, kif ukoll ghal din l-attivita' l-Kunsill ma hareg l-ebda spejjez.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

**Korrispondenza**

2.1 Is-Sindku pprezenta kopja ta' l-applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp li gie mressaq il-MEPA mir-Restoration Unit ghall-progett tal-pavimentar fiz-zona tal-Collacchio.

2.2 Ittra minghand l-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn infurmat lill-Kunsilli li l-assoccjazzjoni giet accettata bhala partner fi progett Youth in Action li ser issir Spanja bejn l-1 u s-7 ta' Marzu, 2010 u ghaldaqstant talbet lill-Kunsilli li huma nteressati jinnominaw zewg zaghzagh ta' bejn it-18 u l-25 sena. Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill jipproponi lis-Sur Philip Grech u lis-Sinjorina Lara Gatt u kompla biex issugerixxa li t-30% tal-biljetti ta' l-ajru li jrid jithallas min dawn iz-zghazagh, jithallas mil-Kunsill peress li fl-ahhar mil-ahhar dawn iz-zghazagh ser jkunu qed jirraprezentaw lil Birgu. Il-Kunsilliera Judith Saliba ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Is-Sindku pprezenta proposta minghand is-Sur Salvatore Montanucci fejn wera x-xewqa li jaghmel korsijiet ghaz-zaghzagh u l-adulti fuq 'fresco painting'. Wara diskussjoni s-Sindku qal li ghalkemm hija proposta nteressanti, ghandha tigi diskussa aktar 'l quddiem.

2.4 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ipprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill l-ittra bhala risposta ghall-'management letter' mibghuta mill-awditur tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa sabiex l-Kunsill japprova din l-ittra. Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Email minghand is-Sinjorina Glykeria Thymiakou fejn infurmat lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li l-progett SMUCA taht is-sejha Interreg IV C ma giex accettat. Barra minn hekk, is-Sindku zied jghid li s-Sinjorina Thymiakou staqsiet jekk il-Kunsill hux interessat li jaghti p-appogg tieghu lil dan il-progett fis-sejha li jmiss. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jibbenefika minn Eur7,500 ghall-Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti 2010 u minn Eur10,000 ghall-attivita' tal-Birgufest 2010, bl-ghajnuna ta' l-iskema inizjattivi ghall- attivitajiet. Hawnhekk is-Sindku zied jghid ukoll li l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Zaghzagh u Kultura ser jaghti donazzjoni ta' Eur3,000 ghall-attivita' tal-Birgufest 2010

2.7 Is-Sindku, pprezenta korrispondenza minghand is-Sinjorina Lara Vassallo dwar kors 'creative and thinking skill' ghat-tfal, liema kors huwa ta' hmistax-il lezzjoni, jittella' kull nhar ta' Sibt bejn il-11 ta' filghodu u s-1 ta' wara nofsinhar. Is-Sindku qal li l-prezz ghal dan il-kors huwa ta' Eur75 ghal kull tifel jew tifla bi prezz ridott ghal Eur70 ghall-ahwa. Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa sabiex issir mailshot lir-residenti dwar dan il-kors. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Is-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti li l-Kunsill gie mgharraf li l-progett ECOPAS ma giex approvat.

2.9 Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu fi hdan il-Guiness Book of Records ghal attivita tal-Birgu by Candlelight 2010.

2.10 Is-Sindku pprezenta stedina mill-Assocjazjoni AVEC ghal laqgha dwar il-progett "Qualicities – Risk & prevention" li ser issir gewwa Parigi fil-15 ta' Dicembru, 2009. Is-Sindku zied jghid li l-Assocjazjoni AVEC ser toffri kumpens ta' € 300 ghal Kunsilli li jippartecipaw u ghaldaqstant issugerixxa sabiex ghal din il-konferenza tattendi s-Segretarja Ezekuttiva, s-Sinjorina Christine Bonello peress li din il-laqgha sr tkun kontinwazjoni ta' dik li saret Santarem, fil-Portugal. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Is-Sindku prezenta kwotazjoni minghand il-Perit tal-Kunsill, is-Sur Mark John ghal *survey* tal-*Playing Fields* tal-Birgu sabiex b'hekk il-Kunsill ikun f'posizjoni ahjar biex iwettaq il-progett ghal manutenzjoni u tisbih tal-bandli, liema survey tiswa € 275. Wara diskussjoni, l-kunsilliera prezenti qablu sabiex dan ix-xoghol isir.

2.12 Talba mis-Sindku ta' Bormla s-Sur Joseph Scerri ghan-nom tal-Kumitat Festi Marija Immakulata, fejn talbu permess sabiex nhar it-Tlieta 8 ta' Dicembru fl-okkazjoni tal-festa tal-Kuncizzjoni jinharaq nar minn Fuq tal-Hawli, zona fil-konfini tal-Birgu.Wara diskussjoni l-kunsilliera prezenti bi qbil unanimu oggezjonaw ghal din it-talba peress li fl-ittra ma hemmx specifikament min fejn ser issir dan il-hruq tan-nar, u peress li fil-vicinanza ta' dik iz-zona hemm l-iskola Primarja Santu Rokku.

**3. <u>Sitwazzjoni dwar il-gbir ta' skart kull nhar ta' Hadd.</u>**

Wara diskussjoni, l-kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja prezenti, fuq parir mghoti, l-Kunsill m'ghandux jibqa' jigbor l-iskart fil-Hdud u l-Festi Pubblici.

**4. <u>Sitwazzjoni dwar il-progett ta' Triq San Lawrenz.</u>**

Is-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti bis-sitwazzjoni ta' Triq San Lawrenz fil-Birgu, fejn il-Kunsill gie nfurmat li l-materjal mistenni kien wasal izda mhux tajjeb. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex ghal darb'ohra nibghatu ittra lil Onorevoli Ministru George Pullicino fejn ninfurmawh bis-sitwazzjoni u l-preokkupazzjoni tal-Kunsill dwar din it-triq. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**5. <u>Sitwazzjoni prezenti dwar il-progett tal-Gnien tal-Hawli.</u>**

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mil-MEPA fejn talbu aktar informazzjoni dwar il-pjanti tal-progett tal-Gnien tal-Hawli. Barra minn hekk, is-Sindku ta spjegazzjoni tas-sitwazzjoni prezenti fejn id-dipartiment tax-xogholijiet u manutenzjoni tad-djar, li kien ser jiffinanzja dan il-progett fit-totalita tieghu, gie xotl u l-Kunsill jinsab f'sitwazzjoni li irid jigi accertat mil-



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,

Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera

Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

Awtorita tad-Djar li l-flus ghadhom allokati ghal dan il-progett. Wara diskussjoni gie deciz li dan l-*issue* ghandu jinghata priorita u ssir dak kollhu possibli min-naha tal-Kunsill sabiex dan il-progett jitkompla minghajr dewmien.

**6.** **Inawgurazzjoni ta' presepju fil-kantina tal-Berga ta' Franza.**

Is-Sindku nforma lil kunsilliera li nhar l-Erbgha 16 ta' Dicembru, 2009, Dr. Chris Said ser jinawgura l-presepju maghmul mil-grupp Nativitas bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu fil-kantina tal-Berga ta' Franza fis-6 ta' filghaxija u wara ser ikun hemm riceviment ta' l-okkazjoni tal-festi tal-Milied.. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**7.** **Kuncert tal-Milied fil-Knisja ta' Santa Skolastika.**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, pprezenta kwotazjoni minghand l-grupp "Ghaxaq Folk Ensemble" sabiex nhar il-Gimgha 18 ta' Dicembru, 2009, jitella kucert tal-Milied fil-knisja ta' Santa Skolastika ghal prezz ta' € 125 flimkien mat-trasport. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni, s-Sinjura Judith Saliba ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**8.** **Il-Progett tat-tisbih tal-bandli.**

Dan l-item gie diskuss f'item 2.12.

**9.** **Tpoggija ta' ashtrays bar.**

Il-Kunsilliera Miriam Grech ssugerit sabiex fil-Birgu jigu nstallati ashtrays barra bhal dawk li gew installati fl-Imdina. Is-Sindku s-Sur John Boxall issekonda u talab lis-Sinjura Miriam Grech sabiex ticcekja dwar dawn l-ashtrays. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**10.** **Laqgha dwar "breast cancer awareness".**

Il-Kunsilliera Judith Saliba ssugerit sabiex il-Kunsill jorganizza laqgha dwar "breast cancer awareness". Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Hawnhekk, il-kunsilliera Judith Saliba ssugerit sabiex il-Kunsill jorganizza ukoll zjara kulturali ghal zmien il-Milied. Il-Kunsilliera Miriam Grech issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**11.** **Affarijiet Ohra.**

8
9
10
11

11.1 Korrispondenza minghand l-Avukat Samuel Gauci dwar kirja tal-fond ta'Couvre Porte, fejn ghan-nom tad-Dipartiment ta' l-artijiet is-Sur Samuel Gauci, nforma lil Kunsill Lokali tal-Birgu li l-kirja mghotija lil Kunsill Lokali tal-Birgu mhux ser tigi mgedda wara l-31 ta' Dicembru, 2009 u l-kirja l-gdida ser tkun tifforma biss l-ewwel sular ta' Couvre Porte.
Wara diskussjoni is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li l-Kunsill jiehu rezoluzjoni fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu joggezjona fuq id-decizjoni li ttiehdet mid-dipartiment ta' l-Artijiet u l-Kunsill ghandu jitlob lil dan id-dipartiment sabiex jirrevedi din id-decizjoni sa nhar il-Gimgha 11 ta' Dicembru, 2009 qabel ma tittiehed decizjoni alterjuri. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fid-9 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati | John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | | Sindku |



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva